# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 10 ta` Ottubru, 2017.**

**Talba Nru: 372/2017PA**

**Miller Distributors Ltd**

**vs**

**Charles Mizzi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-17 ta` Awissu 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi ppremettiet li l-konvenut huwa debitur tagħha fis-somma ta` disa' mija u żewġ Ewro u erba' ċenteżmi (€902.04ċ) rappreżentanti prezz ta` bejgħ ta` merkanzija konsenjata lilu, fuq inkarigu tiegħu stess, kif indikat fil-fattura[1]; li għalhekk interpellat lill-konvenut kemm-il darba biex ihallas, dan baqa' inadempjenti, u li għalhekk qed titlob lil dan it-Tribunal jikkundannah iħallasha l-imsemmija somma ta` disa' mija u żewġ Ewro u erba' ċenteżmi (€902.04ċ), bl-imgħaxijiet mid-data tal-fattura, oltre l-imgħaxijiet sad-data tal-ħlas. Bl-ispejjeż.

[1] Dok.'AS1', fol.7

Ra li l-konvenut, debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, ma ppreżentax Risposta, u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2017, is-soċjeta` attriċi ppreżentat affidavit ta` impjegat tagħha, Alan Schembri, li ddikjara li bagħat diversi fatturi lill-konvenut, fis-somma totali mitluba b'din il-kawża, u li s-soċjeta` attriċi anke interpellatu permezz tal-avukat u ta` ittra uffiċjali, pero` dan baqa' ma ħallasx.

Ra l-i*Statement of Aċċount* ippreżentat mis-soċjeta` attriċi li juri li din biegħet lill-konvenut diversi prodotti tal-ikel fuq medda ta` sitt xhur, bejn April 2016 u Novembru 2016.

Jidhirlu li t-talba tas-soċjeta` attriċi għall-ħlas tas-somma ta` disa' mija u żewġ Ewro u erba' ċenteżmi (€902.04ċ), rappreżentanti bilanċ ta` prezz ta` provvisti mibjugħa u konsenjati lill-konvenut, tirriżulta suffiċjentement pruvata, fuq bilanċ ta` probabilita`, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Iqis li kwantu għall-imgħax, it-talba tas-soċjeta` attriċi kif impustata ma tistax tintlaqa' billi s-soċjeta` attriċi naqset li tressaq l-aħjar prova tal-fatturi individwali, u d-dati rispettivi tagħhom, minn meta tippretendi li għandhom jiddekorru l-imgħaxijiet.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, dan it-Tribunal jilqa' limitatament it-talba tas-soċjeta` attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` disa' mija u żewġ Ewro u erba' ċenteżmi (€902.04ċ), bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba sad-data tal-ħlas.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**
**ĠUDIKATUR**